# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 6 ta' April 2017

Rikors Guramentat Nru. 163 / 16RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B f'isimha proprju u f'isem uliedha l-minuri**
**C B u D B**
**vs**
**E G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi fit-3 ta' Settembru tas-sena 1999 l-attrici welldet tifla bl-isem ta' C B u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2986/1999.

Illi fl-10 ta' Ottubru tas-sena 2000 l-attrici welldet tifla ohra bl-isem ta' D B u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3926/2000.

Illi l-attrici taf illi missier iz-zewg minuri C B u D B huwa l-konvenut E G H.

Illi l-konvenut qatt ma ried jirrikonoxxi lil uliedu u qatt ma mantnihom.

Illi minkejja li l-konvenut gie notifikat b'ittra ufficjali sabiex jirrikonoxxi lil uliedu, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' taz-zewg uliedha ukoll permezz ta' fatti bhal testijiet xjentifici.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut E G H huwa l-missier naturali taz-zewg minuri C B u D B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B (Att numru 2986/1999) billi fil-kolonna intestata: 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi jaqra E G H; u torda wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu indikati konsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 472375 (M), taht il-kolonna eta' jigi jaqra 24; taht il-kolonna 'twieled' jigi jaqra Malta, taht il-kolonna ‘joqghod' jigi jaqra Santa Lucia u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra Alexander (haj).

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D B (Att numru 3926/2000 billi fil-kolonna intestata: 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi jaqra E G H; u torda wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghal-post tat-twelid u ta' residenza u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu indikati konsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 472375 (M), taht il-kolonna eta' jigi jaqra 25; taht il-kolonna, twieled, jigi jaqra Malta, taht il-kolonna ‘joqghod' jigi jaqra Santa Lucia u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra Alexander [haj].

4. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jigi jaqra H B.

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali bin-numru 53/2016, u bil-konvenut minn issa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti ma ghandu ebda certezza li l-minuri C B u D B huma tassew it-tnejn ulied naturali tieghu u kien ghalhekk li huwa baqa, inattiv meta gie notifikat fl-ittra ufficjali prezentata quddiem dina l-Qorti bin-numru 53/2016.

Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talba tal-attrici li tigi stabilita l-paternita` tal-minuri permezz ta’ testijiet xjentifici.

Rat l-atti u l-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza .

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi zewg minuri li weldet barra z-zwieg fis-sena 1999 u fis-sena 2000 rispettivament jigu registrati taht isem il-konvenut H bhala missierhom.

**Artiklu 86 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:
*"86. It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollui nteress jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Gie ppruvat illi l-konvenut gie effettivament notifikat b'ittra ufficjali izda ma wegibx ghaliex skont dak minnu eccepit fir-risposta guramentata, huwa baqa' inattiv peress illi "ma ghandu l-ebda certezza li l-minuri C B u D B huma tassew it-tnejn l-ulied naturali tieghu...."

**DNA Test**.

**Artiklu 100A tal-Kap 16** jipprovdi hekk:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."*

Il-Qorti nnominat lil Dr Marisa Cassar bhala esperta gudizzjarja sabiex tipprepara test tad-DNA li hija pprezentat u halfet fit-28 ta' Marzu 2017 minn fejn jirrizulta illi l-attur huwa effettivament il-missier naturali ta' C B u ta' D B.

Il-premessi attrici huma ghalhekk sodisfacentement ippruvati.

**Kunjom**.

L-attrici qed titlob illi mal-pronunzjament tas-sentenza dwar il-filjazzjoni taz-zewg minuri, l-Qorti tordna li z-zewg minuri jassumu l-kunjom "H B". Il-konvenut ma ressaq l-ebda oggezzjoni jew reazzjoni ghal din it-talba.

**Artikolu 92 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-
"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jiehu kunjom l-omm."

Din it-talba ser tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut E G H bhala l-missier naturali taz-zewg minuri C u D imwielda mill-attrici A B fit-3 ta' Settembru 1999 u fl-10 ta' Ottubru 2000 rispettivament.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba kif dedotti.

3. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna illi z-zewg minuri jassumu l-kunjom "H B".

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet minbarra l-ispejjez peritali li jibqghu a kariku in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**